31 ta' Marzu, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., A/President;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Eugenio Borg ne. *versus* Saverio Farrugia

**Ġudikat — Spoll — Pussess — Prekarju — Art. 1935 tal-Kodiċi Ċivili**

*Hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. U hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tad-dispożizzjoni espressa; għax il-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza.*

*Għalhekk, jekk il-konsiderandi tas-sentenza juru biċ-ċar li l-ġudikant iritjena mhix fondata xi eċċezzjoni, ikun jidher li huwa esplicitament irrespinġiha għalkemm id-dispożitiv ma jgħid xejn fuqha. Imma l-elementi tar-"res judicata" iridu dejjem jikkonkorru kollha, senjatament dak ta' l-"eadem ratio petendi".*

*F'materja ta' spoll il-prekarjetà tal-pussess tfisser l-illeġittimità tiegħu, imma jekk il-Qorti tkun irriteniet li l-pussess mhux preku*

*rju għax mhux illeġittimu, b'hekk ma tkunx ġiet riżoluta l-kwistjoni jekk dak il-pussess huwiex jew le prekarju fis-sens ta' l-art. 1935 tal-Kodiċi Ċivili; u għalhekk l-attur ma hux prekluż milli jipprova l-prekarjetà tal-pussess f'dak is-sens, avvolja f'kawża preċedenti dak il-pussess kien ġie ritenut mhux prekarju għax kien leġittimu—kif effettivament ġara fil-każ preżenti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, talab illi l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu mogħti, mill-kamratajiet minnu okkupati fil-fond 35A, Triq it-Torri, Qrendi, peress li huwa qiegħed jokkupah b'titolu prekarju. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 1951, li biha ġiet milqugħa t-talba u ġie prefiss lill-konvenut żmien ta' xahrejn, prorogabbli għal ġusta kawża, biex jiżgombra; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi bi skrittura tas-16 ta' Lulju 1949 il-konvenut kera lill-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, il-fond kollu msemmi fiċ-ċitazzjoni, għal erba' snin di fermo u erba' snin di rispetto. Sar ftehim, li ma ġiex indikat f'dik l-iskrittura, li bih l-attur awtorizza lill-konvenut li jżomm minn dak il-fond xi kmamar biex jagħmel użu minnhom bħala 'store' ħalli jpoġġi, jew aħjar iħalli fihom, xi mobbli, billi fil-fond fejn kellu jmur joqgħod ma kellux spazju biżżejjed fejn ipoġġihom. Dawn il-kmamar kellhom jinżammu mill-konvenut sakemm isib fond ieħor fejn ikun jista' jżomm dawn il-mobbli......... Kif deher mill-provi, tant f'din il-kawża kemm fit-tnejn l-oħra fuq imsemmijin, il-konvenut ma tantx kellu ħsieb li jdum ma jieħu dawk il-mobbli mill-fond. Infatti jirriżulta...........;

Illi l-konvenut kera lill-attur il-fond kollu, għad li bir-riżerva ta' dawk il-kmamar u taħt dawk il-kondizzjonijiet, bil-kera ta' £18 fis-sena; liema kera kellu jibqa' l-istess anki wara li l-konvenut ikun neħħa l-mobbli minn dawk il-kmamar..... Talli kien qiegħed jagħmel użu mill-istess kmamar, avvolja bħala "store", il-konvenut ma kellux, u anqas għandu, xi titolu ta' pussess ta' dawk il-kmamar. L-awtorizzazzjoni li tah l-attur, li jżomm dawk il-kmamar bħala "store" sakemm isib

post fejn ikun jista' jeħodhom u jpoġġihom, tikkostitwixxi att ta' sempliċi tolleranza, li ma jistax iservi ta' fundament għall-pussess; u konsegwentement ix-xorta ta' pussess ta' dawk il-kmamar mill-konvenut huwa prekarju;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Rat fil-fol. 58 n-nota ta' l-appellant, li biha oppona li għat-talba ta' l-attur nomine josta l-ġudikat riżultanti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili* tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-27 ta' Frar 1951, fil-kawża fl-ismijiet "Saverio Farrugia vs. Eugenio Borg ne.", li biha ġie deċiż li l-pussess ta' l-appellant ma kienx prekarju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi minħabba n-natura tagħha assorbenti, huwa espedjenti li tiġi, qabel xejn, *eżaminata* u deċiża l-imsemmija eċċezzjoni tar-"res judicata" *opposta mill-konvenut* appellant bin-nota tiegħu preżentata fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1952 (fol. 58);

Ikkunsidrat;

Illi b'att taċ-ċitazzjoni (nru. 750 ta' l-1950), preżentat quddiem l-Ewwel Qorti fl-14 ta' Settembru 1949, l-appellant, wara li ppremetta li huwa kera lill-appellat nomine parti middar nru. 35 Triq it-Torri, Qrendi, biex tiġi adibita bħala sedi fejn tiġi esplikata l-attività tal-M.U.S.E.M., u li l-istess appellant kien irriżerva għalih diversi ambjenti u poġġa fihom il-mobbli, u li biex jgħaddi għal dawn l-ambjenti żamm id-dritt li jgħaddi mill-bieb tan-naħa tal-garage ta' l-istess fond, u li l-konvenut (l-appellat nomine f'din il-kawża) arbitrarjament u mingħajr il-kunsens ta' l-attur qafel l-imsemmi bieb u mpedixxa lill-attur li jidħol fl-ambjenti fuq riferiti, talab li l-konvenut jiġi kundannat jerġa' jiftaħ, fi żmien qasir u perentorju, l-imsemmi bieb, u jekk jonqos, l-attur jiġi reintegrat fid-dritt tiegħu fuq riferit, u jkun awtorizzat jiftaħ l-imsemmi bieb a spejjeż tal-konvenut u *inattiża l-oppożizzjoni tiegħu*. Kontra

din it-talba l-konvenut oppona li bil-lokazzjoni li saritlu ma ġie rikonoxxut lill-attur ebda dritt fuq il-fond lokat, u li lill-istess attur ġie biss permess *"prekarjament" li jżomm xi mobbli fil-fond*, bid-dritt li jwaqqaf kull meta jrid din it-tolleranza, u li għalhekk ma kienux jikkonkorru l-elementi ta' l-azzjoni eżerċitata mill-attur. B'sentenza tas-27 ta' Frar 1951 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċediet adeżivament għad-domanda ta' l-attur f'dik il-kawża, wara li fuq l-ewwel element meħtieġ għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni privileġġjata ta' spoll, jiġifieri dik tal-pussess, għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti: jiġifieri li mill-provi kien jidher ċar li l-attur kera lill-konvenut nomine *d-dar kollha, u mhux parti minnha, kif huwa pretiż fiċ-ċitazzjoni*; li ma jirriżultax li l-attur irriżerva xi drittijiet biex iżomm xi kmamar; li jirriżulta biss li l-konvenut nomine awtorizza lill-attur biex iżomm xi kmamar biex fihom ipoġġi l-għamara tiegħu sakemm isib band'oħra fejn ipoġġihom; li l-konvenut ta lill-attur ċavetta biex ikun jista' jidħol għal dawk il-kmamar; u li minn daqshekk jirriżulta li l-attur kellu u għad għandu ċertu pussess fuq il-kmamar fuq imsemmijn, pussess li ma jistax jissejjaħ prekarju, għaliex ġie mogħti lill-attur mill-konvenut nomine. *Fil-kawża preżenti, li fuqha hemm dan* l-appell, l-attur talab il-kundanna ta' l-appellant biex jiżgombra mill-fond fuq imsemmi "billi qiegħed jokkupah b'titolu prekarju", u in vista tal-fatt li fis-sentenza preċedenti bejn l-istess partijiet tas-27 ta' Frar 1951, f'wieħed mill-motivi, jinsab miġjub li l-pussess ta' l-appellant ma kienx jista' jissejjaħ prekarju, ġiet imressqa l-eċċezzjoni tar-"res judicata" kontra t-talba preżenti, bażata fuq l-okkupazzjoni b'titolu prekarju da parti ta' l-istess appellant;

Ikkunsidrat*;*

Illi ġie deċiż minn din il-Qorti (Kollez. Vol. XXX, parte I, paġ. 131) li hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-pont kontrovers ikun l-istess. U ġie ritenut li hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa, billi l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza. Għalhekk, jekk dawn juru biċ-ċar li l-ġudikant *irritjena mhix fondata xi eċċezzjoni, ikun jidher*

li huwa espliċitament irrespinġiha, għalkemm id-dispożitiv ma jgħid xejn fuqha; għaliex ma għandux jittieħed separatament mill-motivat. L-imsemmija deċiżjoni ġiet mogħtija in bażi u fuq l-iskorta ta' tliet sentenzi oħra ta' din il-Qorti, li huma dawn li ġejjin :— (a) dik tas-26 ta' Ġunju 1935 in re "Cassar vs. Cassar", li rriteniet li "potrebbe farsi luogo alla eccezione del giudicato anche quando l'oggetto dedotto in lite, quantunque distinto da quello della lite precedente, formi parte di un sol tutto, purchè però il punto controverso sia identico"; (b) dik tas-16 ta' Jannar 1933 in re "Formosa Speranza vs. Camilleri", li sostniet li "vi è giudicato implicito quando la decisione sia conseguenza necessaria di una disposizione espressa; la volontà del magistrato può trarsi anche dai considerandi della sentenza; se questi dimostrano, in modo non dubbio, che il giudicante ha ritenuto infondata una eccezione, è forza ammettere che l'abbia implicitamente respinta, sebbene il dispositivo non vi accenni"; (c) u dik tas-27 ta' Novembru 1937 in re "Vincenti vs. Ebejer", li sostniet li "il dispositivo non deve prendersi separatamente dal motivato, ma deve da questo essere definito e spiegato";

Ikkunsidrat;

Illi meta fl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Frar 1951 ġie motivat li l-pussess ta' l-attur ma kienx jista' jissejjaħ prekarju, ġiet mogħtija wkoll ir-raġuni għala l-Qorti rriteniet hekk, jiġifieri "għaliex ġie mogħti lill-attur mill-konvenut nomine", jiġifieri ma kienx pussess illeġittimu. Huwa magħruf li f'materja ta' spoll il-prekarjetà tal-pussess tfisser l-illeġittimità tiegħu; u din il-Qorti, bis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 1930 in re "Azzopardi vs. Farrugia" (Kollez. Vol. XXVII, parte I, paġ. 622) hekk marret tgħid : "Il nostro legislatore concede l'azione di manutenzione a qualunque possessore, sia esso legittimo o illegittimo, di buona o di mala fede, purchè però la illegittimità, cioè la violenza, la clandestinità e la precarietà, non sia stata operata contro il convenuto, il quale deve essere difeso contro un ingiusto spogliatore". Bil-fatt għalhekk li fost il motivi tas-sentenza tas-27 ta' Frar 1951 jinsab dak li, għall' fini ta' l-azzjoni ta' spoll eżerċitata mill-attur, il-pussess tiegħu ma setax jiġi ritenut prekarju, ma ġie bl-ebda mod riż...

... mill fond imsemmi fl-eċitazzjoni kien

jinsab għand l-attur f'dik il-kawża (konvenut f'dina) b'titolu ta' *prekarju skond id-dispożizzjoni ta'* l-art. 1935 tal-Kodiċi Ċivili. Anzi l-pretensjoni miġjuba 'l quddiem bil-kawża tal-lum tinsab imħaddna mill-motivi premessi għal dik is-sentenza, *fejn ġie ritenut li* d-dar kollha ġiet mikrija lill-appellat Borg nomine, li ma rriżultax li l-appellant irriżerva xi dritt biex iżomm xi kmamar minn dik id-dar, u li jirriżulta biss li l-imsemmi Borg nomine awtorizza lill-appellant Farrugia jżomm xi kmamar biex fihom ipoġġi l-għamara tiegħu sakemm isib band'oħra fejn ipoġġihom. Għar-raġunijiet fuq miġjuba ma jikkonkorrux l-elementi kollha, u senjatament dak ta' l-"eadem ratio petendi", meħtieġa biex l-eċċezzjoni tar-"res judicata" tiġi ammessa; u konsegwentement dik l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-appellant Farrugia;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li ġew *prodotti f'din* il-kawża, u minn dawk li għalihom saret riferenza, jirriżulta li l-fond kollu nru. 35A, Triq it-Torri, Qrendi, ġie mikri lill-attur nomine mill-appellant........... Qabel jew wara li saret l-iskrittura sar ftehim *bejn il-kontendenti fis-sens li* l-*appellant*........... *ġie awtorizzat* li jżomm mill-post xi kmamar........... L-istess appellant, fil-kawża fl-ismijiet inversi mqiegħda fil-lista tal-lum biex tiġi *maqtugħa* (*nru.* 392 *ta* l-1951) jammetti li dik il-konċessjoni saritlu "sakemm isib fejn iqiegħed l-għamara" (fol. 14). Jirriżulta wkoll li l-okkupazzjoni ta' dawk il-kmamar da parti ta' l-appellant kienet u għadha bla ħlas; u billi għaddew iżjed minn sentejn minn mindu sar il-ftehim fuq *imsemmi* u ġie lilu konċess l-użu gratuwitu tal-kmamar fuq imsemmija għal perijodu limitat, jiġifieri sa ma jsib post ieħor fejn jistorja l-mobbli, it-talba ta' l-attur biex jiġi prefiss lill-appellant terminu biex *jiżgombra minn* dawk il-*kmamar tidher ġustifikata;*

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel *Qorti, li huma adottati,* l-*appell ma* jistħoqqlux jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-22 ta' Ġunju 1951, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

b'dan li t-terminu ta' xahrejn hemm prefiss għandu jibda jgħaddi mil-lum.